MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 773/2003

**SEDUTA tat-12 ta'Marzu 2004.**
**Citazzjoni numru 773/2003**
**F.E. Sullivan & Co. Ltd.**
**Vs.**
**Mv Global Snipe bastiment registrat St. Vincent & Grenadieus proprjeta tas-socjeta estera Grampian Hydraulics Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-
Illi s-socjeta F E Sullivan & Co LTd hija kreditrici tal-bastiment "Global Snipe"fl-ammont ta' LM52,107.21 (tnejn u hamsin elf mija u seba' liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi).

Illi dan l-kreditu huwa dovut rigward spejjes, konsegna ta' makkinarju ghal-bastiment provisti u sevizzi ohra moghtija lil-bastiment mis-socjeta attrici;

Illi s-socjeta attrici talbet lis-sidien tal-basitiment diversi drabi sabiex ihalsu l-ammont dovut u minkejja dan huma baqghu inadaempjenti;
Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li dan id-debitu huwa cert likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x’jaghti.

Talbet ghalhekk lill-konvenut in vista tal-premess jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-
1 Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2 Tikkundanna lil-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm52,107.21 (tnejn u hamsin elf mija u seba’ liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi).
Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Impediment u Mandat ta’ Qbid datati 29 ta’ Lulju 2003, u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;
Rat li c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-bastiment konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u ;hekk baqa’ kontumaci;
Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;
Semghet l-Avukat tas-socjeta attrici;
Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba tirrizulta pruvata;
Fil-kontumacja tal-bastiment konvenut tiddeciedi billi tilqa t-talba tas-socjeta attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------